# STEDINA F'RAĦAL

*Bi tweġiba*
*Lill-Professur Temi Zammit*
*li għallimni.*

Il-Manifku Ġann-Karl kien ilu żmien jistiednu jmur igħaddi ġurnata għandu, ir-raħal. Kienu ilhom jafu 'l xulxin: l-ewwelnett is-Siminarju tal-Imdina, inbagħad il-belt wara li Ġann-Karl neħħa ċ-ċoqqa u daħal l-Università biex jitgħallem għal nutar. Ġorġ missieru kien ħallielu xi sold, għax kien għaqqadhom is-Swejz, u għalkemm ħabat imur għall-perit, kien telaq l-istudji u ta' ruħu għall-mansab, għall-ixkubetta u għall-guvi tal-kanali. M'hux għax ma kienx iħobb il-kotba, l-iktar dawk tal-Ġrajjiet ta' Malta: ma kienx jiġi Ħadd li ma tarahx ibakkarlek kmieni, u minn ta' l-ewwel, biex jikseb minn fuq il-Monti xi ktieb qadim fuq Malta u jżidu mal-ġabra sabiħa ta' kotba li kellu fil-librerija tiegħu. Xi ġurnal kien jaqra wkoll, imma billi kien bniedem li iktarx dejjem tgħannilu l-kalandra taċ-ċajt, ma kien jieħu għal ħadd; jaqra, jisma' u jwieġeb bi tbssima jew b'nofs ta' kelma. Kien għażeb u miegħu ma kellux ħlief lil Rożi, mara xwejħa qaddejja taddar li kienet rabbietu żgħir u li wara l-mewt ta' missieru u ommu żammha ddur bih u bi ħwejġu.

Ħabat li Ġorġ is-sena ta' qabel, sew f'egħluq is-sajf, kien xtara dwejra u għammarha f'waħda mix-xtajtiet tal-Gżira fejn kien bi ħsiebu jgħaddi s-sajf għas-sajd, u f'Settembru għall-kaċċa. Din ix-xtajta kienet f'tarf il-wied ta' għolja li minnha tgħaddi għar-raħal ta' Ġann-Karl. L-aħħar li kien mar fiha did-dwejra kien f'Ottubru biex jagħlaq u jsakkar.

Kien April u dehirlu l-waqt li jmur jiftaħ u jrewwaħ il-kmamar għax baża' li daħallu xi ilma (billi l-bjut xejn ma kien darhom) u li ħwejġu setgħu mmuffawlu; l-iktar il-għodod tas-sajd. Għalhekk ħaseb li l-ewwel jittawwal lid-dwejra, igħaddi l-lejl hemmhekk u l-għada kmieni kmieni jitla' bil-pass il-pass ir-raħal igħaddi ġurnata għand Ġann-Karl.

Ewl-il-lejl kitiblu u għarrfu bil-miġja tiegħu.

* * *

L-ewwel ma ta' daqqa ta' għajn 'il-lozzu, f'maħżen ċkejken imħaffer ġewwa l-blata ta' taħt il-parapett tad-dwejra li titla' għaliha b'taraġ. Bil-kemm sata' jiftaħ il-bieb għax

l-injam simen. Daħal u rifes fuq tapit ta' alka niexfa li żelqet minn taħt il-bieb. Fin-nofs, il-lozzu fuq il-parati biż-żaqq mal-posti, imgħotti b'xoqqa tal-luna; fl-irkejjen, qfief bil-manwelli, skalmi, sassli, u bramel, oħrajn b'xi melqa, birjol u b'xi traki mitnija: imqadef, xi skazzi u xi iżati wieqfa mal-ħajt; f'rokna oħra banketta li tinfetaħ, xi fanal jew lampa u xi foxxna; mal-ġenb fuq-il-witet, qasab tas-sajd ta' kull daqs u ġwielaq imdendla u fuq râf tal-injam kannestru bil-lenez, bi knaz, râtli, b'xi kopp tal-gambli u xolfa, biċċa mikxufin u oħrajn b'xi għażel fuqhom: fuq kollox għabra tar-ramel, weraq tal-alka u saqaf ta' għanqbut li dâr kollu ma' ras Ġorġ u għammadlu għajnejh li bil-kemm sata' jsib il-bieb ta' barra. "Ikolli narġa' niġi u nnaddaf kollox"—qal bejnu u bejn ruħu. Iktar inbagħad mita fetaħ il-kmamar tad-dwejra u ra li tassew darb'oħra jkollu bżonn tal-għajnuna ta' Rożi għaliex f'mitraħ li ħalla mitni sab saħansitra bejta ġrieden, taqtir ta' ħmieġ tal-agħsafar fuq il-kredenzi u fuq l-imwejjed, u l-art bil-ħuxlief tal-bejtiet tal-agħsafar li bihom kienet misduda xi rewwieħa. F'dik il-ħemda ta' għeluq ma samâx ħlief it-tferfir tal-ġwienaħ tal-għammiela dieħla tgħajjat ġol-bejta b'xi sbula f'munqarha u t-twerżîq tal-frieħ tagħha... inbagħad skiet tal-għabex u dawl imgħaxxex tax-xemx nieżla minn taħt il-għolja tal-għalqa ta' wara, jitmewwet fil-ħmura minn twejqa bil-ħadid fil-għoli mas-saqaf..............

*   *   *

Ġorġ niżel ix-xatt. Ix-xemx kienet għadha kif għabet. Il-plajja kollha ċagħak kienet weħidha u baħ. Ebda ħoss ħlief ta' xi mewġa ċkejkna riesqa l-fuq u rieġgħa l-ura tilgħab mar-ramla. L-erbat idjar ta' madwar il-qala u l-imħażen ta' mal-menqa bil-bibien magħluqin kollha, ebda tieqa mbexxqa, imma kollha mitbuqa bl-injam. Fil-menqa ftit dgħajjes marbuta mal-môl, xi waħda wieqfa fuq il-posti mat-tarag tal-iskal, oħrajn imxerrda fuq il-môl. Xi dgħajsa tas-sajd feġġet ma' dħul ix-xemx minn taħt il-għâr waqt li l-arloġġ tal-knisja daqq is-sitta u nofs. Il-bieb tal-knisja kien miftuħ, imma ġewwa dlam miksur biss mid-dawl tal-lampier iteptep qisu kewkba f'qiegħ ta' sema iswed.........

Ġorġ kebbes il-pipa u resaq lejn il-ħanut ta' Xandra, li kien waħdu miftuħ bil-ħsieb li jqatta' siegħa ħin ma' xi ħadd mis-sajjieda. Malli kixef ix-xibka ta' quddiem il-bieb kien għoddu dalam. Sab ruħu ġewwa sħaba ta' tipjip ta' sigarri u ta' pipi u li ma kienx id-dawl ta' daqxejn ta' lampa mden-

dla mas-saqaf f'nofs il-ħanut ma kienx jara fejn imidd riġlejh u joqgħod. Xandra ħierġa minn wara l-bank, resqet sjett aljotta bil-ftiet tal-ħobż quddiem wieħed mill-parruċċani ta' fil-għaxija li mix-xeħta kien sajjied għax ma' ġenbu kellu ieħor, b'tazza nbid tan-nofs quddiemu, idaħħan il-pipa u isaqsih fuk il-kavetti tal-ħut li nqabdet u b'kemm inbiegħet lill-pitkal......... Fir-rokna ta' ma' ġenb il-bieb ta' biswit is-sajjieda kien hemm żewġt irġiel lebsin il-lankè tan-newl biċ-ċinturin tal-iskrataċ u bil-brażak imxebbka, b'xi żewġ summiniet fihom, mixħutin fuq ġenb ta' mejda u l-ixkubetti f'rokna weqfin wara daharhom. Kienu jitħaddtu għal rashom, mitlufin fuq il-passa......... magħhom żewġt iklieb tal-kaċċa, wieħed mixħut taħt il-mejda ma' riġlejn sidu u l-ieħor mal-ġenb tal-għatba.

—"X'riħ ġibek, sur Ġorġ?" Staqsietu Xandra.

—"Ġejt niftaħ il-post... għidt se' nsibu mgħawwem fl-ilma"...wieġeb Ġorġ.

—"Kemm għamel ilma sur Ġorġ...il-wied dis-sena kabeż il-gandott u fetaħ it-triek tax-xatt... nistħajlu li sibt il-bir imfawwar ġmielu". U fil-waqt naddfet il-mejda minn xi platt jew tazza mbattla tistenna lil Ġorġ jitlobha xi nfajjes ta' Għawdex milli jħobb jixrob.........

—"Dak is-sinjur mhux wiċċ ġdid għalija, għandi xi ħjiel tiegħu... hekk qiegħed ngħid lil Majsi" — Qabżet qalet mara godlija bil-qiegħda fuq daqxejn ta' dikkiena, f'tarf il-mejda man-naħa tal-bank, wiċċha mkemmex u b'qatta xagħar im-felfel bajdani,ma ġenb raġel b'birritta magħmula borża ċatta, b'ġummiena fin-nofs u biċ-ċinta madwar id-daħla tar-ras, li kien is-sajjied Majsi tagħha. Il-mara kienet qiegħda tbill, bil-kisra tal-ħobż f'idejha, u toftor minn platt mimli żebbuġ u mluħa. Xandra għamlet fommha ma' widnejn il-mara u sefsfitilha erba' kelmiet. Din berqet għajnejha fil-waqt li bil-lbieba tal-ħobż mesħet xufftejha u għajtet : 'Ommu Gerit tal-Qotni, bint il-Piżatur, ir-Rabti? ! Nanntu Żebbuġija, miż-żewġa għand taż-Żlejku, żewġha Patist ta' Qassisu, bir-razzett f'tal-Għodor? ! Għax tgħid ?—Jien għidt li hu minnhom... l-ommu, inbagħad, jatiha lemħa ġmielha"... U qabdet ma' Ġorġ u wara li tarrfitlu u tennietlu kemm 'l-ommu tafha ċkej-kna...li kienet qaddejja ma' nanntu, li l-barba tiegħu tafu jiġi ikejjel ir-raba' ta' għantha, xiħa għakka li kienet ħallitilhom il-ħabel tar-raba' lejn ta' Wied Qirda,—illi ħallejt 'l ommu xebba daqshiex, — il-għaxqa tar-Rabat, trid seba' għajnejn biex tħares lejha... u min jaf kemm riduha u ħotbuha, sat-tabib Franswà, ħaten l-ispiżżjar, hu l-Propostu li kellu ġid

kemm jasa' ġildu,—kienet ħallietha f'dar missierha, fil-waqt il hi, għalkemm kellha min iridha,—fosthom gabillott tal-flus minn Ħaż-Żebbuġ,—ħadet lil Majsi tagħha miż-Żurrieq u ħalliet pajjiżha... Spiċċat biex saqsietu: "U x'sar minnu dak u x'sar minnha dik?... Xi kemm ilha mejta ommok u biex mietet?... u kemm kontu tiltaqgħu?... u l-barba l-perit għadux ħaj? u mur ara kemm għokos!... u kif igħaddi ż-żmien... u kif m'aħna xejn"... Majsi tagħha li kien taha daqqa ta' għajn minn taħt il-taħt, waqt li bis-sabar kollu mingħajr kliem ta' xejn kien niżżel l-aħħar qatra ta' nbid u naddaf it-tazza li kellu quddiemu, hawnhekk qam biex juriha li xaba' jismagħha tredden u jġagħlha taqta' fil-qasir: "Mhux li ħelisni minn ilsienek dal-ħali ta' gabillott..." qabeż qalilha... "Isa Marì, għax għada rrid inbakkarlu għal fuq id-dgħajsa, u lilek inbagħad, mur qajmek".

—"Imxi ħa nagħmillek dak il-kafè"... U kif qalet hekk, qajmet mingħajr ma xtaqet, dik l-ixkora ġisem u dawret wiċċha lejn Xandra: "Il-lejl it-tajjeb Xandr... Bilħaqq is-sulfarini... b'dil-pipa tiegħu, Xandr, ma 'nsibx sulfarina waħda... tini pakkett...

—"Imxi għax sar il-ħin..." issokta jgħidilha Majsi huwa u ħiereġ minn wara l-mejda...

Ġorġ, li kien ħabat ħareġ gazzetta minn butu biex iqatta' iż-żmien jaqra bejn kelma u oħra tas-sajjieda u l-mistoqsijiet ta' Marì, issabbar għall-ewwel jaqra u jwieġeb sakemm imtiegħeb għal kollox minn dak li ħabat jaqra, baqa' bil-gazzetta miftuħa quddiemu.

—"Komplu magħna", qalu s-sajjieda, waqt li Xandra newlitilhom żewġ tazzi nbid.--"Saħħa wisq"—"Int Majs,... Marì...—"Saħħa għalikom"—weġbuhom.

Iż-żewġ kaċċaturi li kienu għadhom ma ħdewx jitkellmu fuq il-passa bejn tazza nbid u oħra ma ħarrkux għajnejhom minn xulxin u lanqas ma waqqfu widnejhom f'waqt jew ieħor għal kullma kien qiegħed jingħad fil-ħanut... lanqas biss ma deħru li ndunaw bil-qattusa bebbuxija tielgħa u nieżla quddiemhom taħtaf u ġġorr ix-xewk tal-ħut taħt il-bank sakemm, mingħajr ma qetgħet jiesha, beqgħet taħt għajnejhom tilgħaq b'gheddumha il-qiegħ tal-platt ta' quddiemhom...... Hija u ħierġa Marì beqgħet issellem lil Ġorġ, titolbu jselli għall-barba tiegħu tar-Rabat u twiegħdu li tgħaddi tarah il-Belt mita jkollha għalfejn titla' xi telgħa, bit-tama li fis-sajf ma ddumx madankollu ma tarah fosthom, u beqgħet ittennilu li l-għorfa tagħhom hija dejjem miftuħa

għalih u li fejn tista' taqdih f'xi ħaġa minnu jonqos li ma jibgħatx igħidilha. Iż-żewġ kaċċaturi beqgħu dejjem jitħaddtu għalihom u bil-kemm wieġbu għal-"lejl it-tajjeb" li bih Marì sellmet lil kullħadd u telqet biex tilħaq lil Majsi li kien ħareġ mill-ħanut u għoddu għamel nofs trîq.

Ġorġ raġa' qabad f'idu l-gazzetta, imma moħħu kien iżjed fil-kliem tas-sajjieda u taż-żewġ kaċċaturi.

—"Il-gerwiel dis-sena bi ħsiebu jibqa' d-daqs li hu... għadu tartarella żgħira"... tenna Patist s-sajjied.

—"Għax tgħid hekk...xtaqt li għadu hawn Majsi u jgħidlek hu l-kobor ta' gerwiela tal-ħalib li qabad"... wieġeb sieħbu Indrì.

—"U jien ngħidlek li x-xilep dis-sena ma narahx...

—"Iltqajt ma sajjieda Għawdxin fuq ras Filfla... ma qatgħux qalbhom minnha...

—"X'inhuma jaqbdu ?—

—"Laċċi u sawrell,"

—"Naħseb u nara għada mal-lejl narmax il-mitlaq jew il-forok għall-kaħli.

—"Għandi ftit laħam tal-porku immellaħ, ġibuli Anġlu tat-truf,ftit nemusa minn ta' dalgħodu u mas-sebħ noħroġ bilkonz għall-imsell... X'għandi intik, Xandra?" U kif qal hekk Indrì qam minn fuq il-bank, ittewweb titwiba, tmattar, tmattira u deffes idu l-waħda fil-but tas-sidrija u bl-oħra ħakk rasu. Xandra ma' ġenb il-bank fuq maqgħad tas-sogħda kellha rasha mgħaddsa, b'idejha marbutin u għajnejha magħluqa tgħodd l-erbgħa fil-mija... Wieħed mill-kaċċaturi kien qiegħed wieqaf b'siequ l-waħda fuq banketta u l-oħra imniżżla fuq l-art, bl-ixkubetta f'idu juri lil sieħbu u ifissirlu kif fil-waqt li kien kiegħed minsub taħt ħajt ta' għalqa tas-silla tgħaddi minn fuq rasu tajra tferfer u ssaffar, mil-leħen durrajsa : kienet durrajsa rasha sewda li nħbiet qalb is-silla... zip.. zip... zip... zip... fil-waqt, sħaba gamiem... "Nipponta l-kanna"... issokta jgħajjat "timm!...... nati tir ieħor... timm !... Birr... id-durrajsa mall-ewwel tir titgerrex... u mat-tieni..." Hawnhekk iż-żewġt iklieb iqawmu rashom, iwaqqfu widnejhom, iħarsu lejn il-ponta' tal-ixkubetta u jinbħu inbîħ liema bħalu. Xandra qajmet rasha, fetħet għajnejha. Indrì kien għadu quddiemha jgħodd iż-żgħar li għandu jħallas tal-inbid u sieħbu jistennih fil-bieb jittewweb... "Għassalà... Saħħa sur Vicenz... għassalà"... għajjat Patist wara t-tieni titwiba kif ħass il-klieb ma' saqajh ħerġin

jinbħu... "Saħħa Patist"—wieġeb is-sur Vicenz li dak il-ħin kien għaddej min-nofs it-trîq, f'idu l-waħda qasba tas-sajd, u banketta u fl-oħra ġewlaq u fanal, ġej minn fuq il-blat.

—"Xi qbadna ?—Staqsa Patist...

—"Ili mill-għasar bil-qasba f'idi biex laqqatt erba' xewkiet erba' mzazen, burqax u tliet għarajjes..." Waqaf iwieġbu is-sur Vicenz... "Għassalà ! ! " fil-waqt li warrab minn saqajh kelb minnhom li baqa' jinbaħ quddiemu...

(*Jissokta*)

A. C.